31992R3801

L 384/9 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.12.1992

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3801/92 tat-23 ta' Diċembru 1992 dwar il-klassifika ta' ċerti oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/92 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Komuni tad-Dwana [1], kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3800/87 [2], u partikolarment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi biex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, jeħtieġ li jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hija għal kollox jew f'parti bbażata fuqha jew li żżidilha kull suddiviżjoni addizzjonali u li hija stabbilita b'disposizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bil-għan li jigu applikati tariffi jew miżuri oħra dwar il-kummerċ fl-oġġetti;

Billi bis-saħħa ta' l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom ikunu klassifikati taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imfissra fil-kolonna 3;

Billi huwa xieraq li, l-informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu invokati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 65 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3796/90 [3] għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [4];

Billi dan ir-Regolament jirrigwarda ukoll prodotti msemmija fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1074/80 [5]; billi, għalhekk, dan ta' l-aħħar għandu jitħassar;

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma klassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

L-informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet tad-dwana ta' l-Istati Membri li ma jikkonformawx mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, jistgħu jibqgħu jiġu invokati skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għall-perjodu ta' tliet xhur mid-detentur jekk kuntratt li jorbot ġie konkluż kif hemm maħsub fl-Artikolu 14(3) (a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 (4);

Artikolu 3

Ir-Regolament (KEE) Nru 1074/86 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-23 ta' Diċembru 1992.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER


Membru tal-Kummissjoni

---


(1) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
(2) Ara paġna 8 ta' dan il-ĠU.
(3) ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
(4) ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.
(5) ĠU L 113, ta' l-1.5.1980, p. 54.

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifikazzjoni NM	
(1)	(2)	(3)
1. Żraben għat-taħriġ bil-pettijiet ta' barra tal-lastiku jew plastiks b'disinni goffi u l-biċċa ta' fuq ta' materjal tessili fuq liema strixxi tal-ġild u/jew materjal tat-tessut miksi bil-plastik huma meħjuta esternament f'diversi kombinazzjonijiet, li jkopru l-wiċċ sa approssimattivament 70 %. (Ara l-iskizz Nri 1 sa 6)	6106 10 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda bin-noti 3 u 4(a) u n-nota addizzjonali 1 sal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6404 u 6404 11 00. Wara t-tneħħija ta' l-istrixxi tal-ġilda u/jew il-materjal tat-tessut miksi bil-plastik, li kollha huma meqjusa bħala rinforzi, il-wiċċ estern tal-biċċiet ta' fuq jikkonsisti għal kollox min materjal tat-tessut.
2. Żraben tat-taħriġ b'pett ta' barra tal-lastiku, pett ta' ġewwa twil 27 ċm u l-biċċa ta' fuq fuq barra li għandhom meħjutin strixxi jew biċċiet tal-ġilda li jkopru 40 % tal-wiċċ.	6109 10 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-nota 4 (a) u n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6404 u 6404 99 u 6402 99 93.
3. Żraben tat-taħriġ bil-pettijiet ta' barra tal-plastik u l-biċċa ta' fuq tat-tessut li għandhom meħjutin f'diversi punti biċċiet tal-ġilda (65 %) u plastiks (18 %) (Ara l-iskizz Nru 7)	6104 62 10	Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-noti 3 u 4(a) u n-nota addizjonali 1 tal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6404 u 6404 11 00. Wara t-tneħħija tal-biċċiet tal-ġilda u tal-plastiks, li kollha huma kkunsidrati bħala rinforzi, il-wiċċ estern tal-biċċiet ta' fuq jikkonsisti għal kollox minn ta' materjal tat-tessut.
4. Żraben tat-taħriġ li jgħattu l-għaksa, bil-pettijiet ta' barra ta' lastiku b'*pattern* goff u biċċiet ta' fuq tal-plastik (79 %) u ġilda (21 %) li jkopru kompletament il-qafas intern tat-tessut, li jservi bħala inforra li fuqu l-ġilda u l-plastiks jinħietu. (Ara skizz Nru 8)	6114 30 00	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-nota 4(a) u n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6402, 6402 91 u 6402 91 90
5 Żraben li jgħattu l-għaksa b'*in-soles* ta' mhux anqas minn 24 ċm, pettijiet ta' barra tal-lastiku b'*pattern* goff u l-biċċiet ta' fuq tal-ġilda (84 % u plastiks (16 %) li jgħattu għal kollox qafas intern ta' materjal tat-tessut li ma jistax iservi nnifsu bħala l-parti ta' barra tal-biċċa ta' fuq. Il-ġilda u l-plastiks huma meħjutin fuq il-qoxra (Ara l-iskizz Nru 9)	6403 91 13	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-noti 3 u 4(a) u n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet NM 6403, 6403 91 u 6403 91 13
6 Buts tal-ħajking u t-trekking li jgħattu l-għaksa, bil-pettijiet ta' barra tal-lastiku *b'pattern* goff u l-biċċiet ta' fuq ikollhom *bootee* tat-tessut, li fuqhom hemm meħjutin biċċiet tal-ġilda li jkopru madwar 80 % tal-wiċċ estern li jeskludi l-arja ta' l-ilsien integrali (Ara l-iskizz Nru 10)	6404 19 90	Il-klassifikazzjoni hija determinata bir-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura maqgħuda, bin-nota 4(a) u n-nota addizzjonali 1 tal-Kapitolu 64 u bil-kliem tal-kodiċijiet 6404, 6404 19 u 6404 19 90 Wara t-tneħħija tal-biċċiet tal-ġilda, li kollha jitqiesu bħala rinforzar, il-wiċċ estern tal-biċċiet ta' fuq jikkonsisti għal kollox minn materja tat-tessut




No 1 ([1])A—Materjal tat-tessut (visibbli), madwar 31 %
B—Leather, approximately 69 %




No 2 ([1])A—Textile material (visible), approx. 47 %
B—Leather, approximately 37 %
C—Textile material covered in plastics, approximately 16 %


([1]) It-tpinġijiet huma purament għan-natura illustrattiva.




Nr. 3 (1) A—Textile material (visible), approximately 43 %
B—Leather, approximately 57 %




No 4 (1) A—Textile material (visible), approximately 32 %
B—Leather, approximately 65 %
C—Textile material covered in plastic, approximately 3 %




Nr. 5 (1) A—Textile material (visible), approximately 30 %
B—Leather, approximately 70 %




No 6 (1) A—Textile material (visible), approximately 32 %
B—Leather, approximately 31 %
C—Textile material covered in plastic, approximately 37 %



No 7 (1) A—Textile material
B—Leather
C—Plastic material




No 8 (1) A—Leather
B—Plastic material



No 9 (1) A—Leather
B—Plastic material

(1) It-tpinġijiet huma purament għan-natura illustrattiva.



No 10 [1] A—Materjal tat-tessut

B—ġilda

C—Materjal tal-plastik

[1] It-tpinġijiet huma purament għan-natura illustrattiva.